**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' Frar 2021**

**Talba Nru: 162/19 CZ**

**Anne-Elizabeth Camilleri**

**vs.**

**6pm Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fis-27 ta' Gunju 2019, li biha talbet illi:

Prevja kull dikjarazzjoni opportuna, r-rikorrenti titlob lil dan it-Tribunal jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' erbat'elef disa' mija u tmeinja u sittin Euro u sebghin centezmu (€4,968.70) dovuti ai termini tal-kuntratt ta' impjieg tas-17 ta' Dicembru 2013 hawn anness ai termini tal-klawsola numru sitta (6) kif ukoll zidiet statutorji kif jidher fir-rendikont hawn anness.

Bl-ispejjez, inkluz l-ittra ufficcjali, u l-imghax legali kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta mressqa fl-24 ta' Lulju 2019 li permezz taghha eccepiet:

Is-socjeta' konvenuta qieghda tikkontesta l-pagamenti li qieghda tippretendi l-attrici permezz ta' dawn il-proceduri, stante illi dawn effettivament mhumiex dovuti, hekk kif ser jigi ppruvat waqt dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandho jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici, skond il-principji tal-ligi, gustizzja u l-ekwita'.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda tal-attrici[1] u ra l-affidavit ta' Ruth Patterson[2].

Ra n-nota ta' sottomissjonijet finali tas-socjeta' konvenuta, ir-replika tal-attrici u l-kontro-replika tas-socjeta' konvenuta.

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

[1] Fol. 21, u kontro-ezami a fol. 62
[2] Fol. 75 u kontro-ezami a fol. 81

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob minghand is-socjeta` konvenuta, bhala l-kumpanija li qabel kienet il-principal taghha, iz-zieda li hija tallega li kienet intitolata ghaliha skond il-kuntratt ta` impjieg taghha, fi Klawsola 6, li tispecifika, f'parti minnha, illi s-salarju annwali taghha kellu jizdied annwalment b'elf u mitejn Euro (€1,200) wara li jghaddi l-perjodu ta` prova. L-attrici xehdet illi kienet thallset l-ewwel pagament ta` elf u mitejn Euro skond il-kuntratt, izda mbaghad dan il-pagament ma thallas qatt iktar. L-attrici qalet ukoll li kien hemm punt fejn is-salarji gew riveduti sabiex jirriflettu s-suq, izda dan l-ezercizzju sar ghall-kumpanija kollha, u mhux ghaliha biss, u ghalhekk l-elf u mitejn Euro li kellha tizdied skond il-kuntratt ta` impjieg ma kinux jekwivalu ghaz-zieda fil-paga li l-kumpanija konvenuta ghogobha taghti minn jeddha lil kulhadd. L-attrici prezentat ukoll rendikont maghmul mid-Dipartiment ghall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, maqsum f'erba` sezzjonijiet differenti. Fl-ewwel sezzjoni kien hemm indikati l-pagamenti propji li ma thallsux lill-attrici, relattivi ghaz-zieda annwali ta` elf u mitejn Euro li kellha tircievi kif fuq premess. It-tieni u t-tielet sezzjoni ma kinux jirreferu ghall-pagamenti per se, pero` kienu indirettament abbinati ma` dawn iz-zidiet, ghaliex jirriflettu l-fatt illi peress li kienet qed tithallas paga inqas (biz-zidiet kontrattwali mnaqqsa), allura il-paga li rceviet fil-perjodu tal-avviz tat-tmien ta` impjieg, kif ukoll il-granet ta` frank li kienet ghadha intitolata ghalihom gew kalkulati fuq il-paga mnaqqsa, u mhux fuq il-paga kif suppost thallset. Ir-raba` sezzjoni tindika zball li kien hemm ammontanti ghal €52.67 u li kien favur l-attrici u kellu jithallas mis-socjeta` konvenuta.

Illi **Ruth Patterson** xehdet illi l-pagament ta` elf u mitejn Euro fuq imsemmi kellu jitqies bhala `one-off payment` u mhux bhala zieda annwali. Din ix-xhud ghal xi raguni ssemmi pagaemnt ta` elf u hames mitt Euro (€1,500) u mhux elf u mitejn Euro (€1,200), izda t-Tribunal qed iqis li qed tirreferi ghaz-zieda kontemplata

f'artikolu 6 tal-ftehim ta' bejn il-partijiet, li jsemmi propju elf u mitejn Euro (€1,200). Qalet ukoll illi f'dak li jirrigwada l-leave, l-attrici kienet inghatat somma ulterjuri ta' €165.79 wara xi zmien minn mindu ntemm l-impjieg taghha peress illi qablet mal-attrici li kien baqghalha iktar leave minn dak li kienet thallset ghalih originarjament.[3] Kwantu ghan-*notice period*, ix-xhud ma qablitx mal-attrici, peress li ma qablitx li din ghandha tithallas bir-rata indikata, izda biss bir-rata moghtija mill-kumpanija konvenuta. Pero' dan, kif gia' inghad aktar `il fuq, huwa abbinat mal-kwistjoni dwar jekk l-attrici kinitx intitolata ghaz-zieda, kif ha jigi kunsidrat ukoll iktar `il quddiem. Finalment, dwar is-somma l-ohra ta' €52.67, l-istess xhud qablet li din ghandha tithallas lill-attrici.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi l-punt principali tal-kwistjoni ta' bejn il-partijiet huwa jekk iz-zieda msemmija fi klawsola sitta (6) tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet kellhiex tinghata annwalment jew mod iehor.

Illi l-attrici ssostni illi l-unika interpretazzjoni li ghandha din il-klawsola hija li jsir propju dak li hemm miktub, u cioe' li l-attrici tinghata z-zjieda hemm imsemmija kull sena, minghajr kundizzjonijiet jew kwalifici ohra.

Illi s-socjeta' konvenuta min-naha l-ohra argumenta, permezz tax-xhud Ruth Patterson, illi l-kumpanija konvenuta hija obbligata biss illi tipprovdi dik iz-zjieda ghal darba wahda biss, u dan wara li jintemm iz-zmien ta' prova. In kontro-ezami tirrikonoxxi illi l-affarijiet fiz-zmien li sar il-kuntratt setghu saru ahjar. Ix-xhud

[3] Din is-somma fil-fatt l-attrici naqqsitha mir-rendikont li pprovda d-Dipartiment, u giet riflessa fit-talba promotrici.

tghid ukoll illi z-zjieda msemmija fi Klawsola 6 hija wkoll soggetta ghal *perforamce review*, u huwa wara li dan isir, li z-zieda tithallas. F'dan is-sens, din ix-xhud tikkontradixxi dak li kienet qalet fl-affidavit taghha, peress li fl-affidavit kienet xehdet li din kienet zieda ta' darba, u mhux zieda li kienet soggetta ghal *performance review*, kif qalet aktar tard waqt il-kontro-ezami.

Illi t-Tribunal iqis illi fil-klawsola in kwestjoni hemm verament imsemmi l-perjodu ta' prova, u li z-zjieda ghandha tinghata wara l-perjodu ta' prova. Izda l-klawsola ma tillimitax ruhha ghal zjieda ta' darba wahda biss wara l-perjodu ta' prova. Fil-fatt il-klawsola tispecifika b'mod car illi l-imsemmija zieda ghandha tinghata annwalment, u dan minghajr ebda riservi kwalunkwe. Dak li gie stipulat tant car fil-ftehim ta' bejn il-partijiet ma jistax jinghata interpretazzjonijiet wisq differenti minn hekk, bhal ma qed tittenta taghmel is-socjeta' konvenuta.

Illi t-Tribunal qies ukol is-sottomissjoni ahharija tas-socjeta' konvenuta, imressqa b'nota jumejn qabel id-data tas-sentenza, fis-sens li ma giex prodott rapprezentant tad-Dipartiment ghall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali sabiex jikkonferma r-rendikont maghmul. It-Tribunal iqis izda illi r-rendikont huwa bbazat fuq l-allegazzjoni tal-attrici illi hija kellha tinghata dik iz-zieda partikolari, u jekk jigi stabbilit li z-zieda hija misthoqqa, il-kalkoli indikati f'dak ir-rendikont huma veritieri, u ma hemmx htiega ta' konferma min-naha tad-dipartiment ghall-istess, ghaliex it-Tribunal jista' jasal ghalihom bil-kalkoli tieghu.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet tal-attrici, u jordna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' erbat'elef disa' mija u**

**tmienja u sittin Euro u sebghin centezmu (€4,968.70), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur